# Il-Pittur Bormliż Antonio Zammit

**Kitba ta' Joseph R. Gatt**



Antonio Zammit twieled Bormla lejn is-sena 1830 u miet fis-7 ta' April tas-sena 1890. Tgħallem u ħadem taħt id-direzzjoni tal-imgħallem tiegħu l-pittur Senglean, Tommaso Madiona. Ma jidhirx li mar ikompli jistudja barra minn Malta. L-aħjar xogħlijiet tiegħu huma meta ħadem taħt it-tmexxija tal-imgħallem tiegħu. Dan narawh l-aktar u speċjalment fil-kwadru żgħir tal-Magħmudija ta' Kristu li pittru għall-Katidral tal-Imdina.

Pitter tliet kwadri sbieħ tal-Beatu Ġużeppi Lebre', wieħed għall-Knisja Parrokkjali ta' Bormla li jinsab fis-sagristija, ieħor għall-Konservatorju ta' San Ġużepp tal-istess belt u t-tielet wieħed għamlu għall-Parroċċa tal-Floriana li nsibuh fis-sagristija. Għall-Floriana pitter ukoll lil Santa Filomena, pittura ovali, narawha bħala sotto kwadru fuq l-altar tal-Kunċizzjoni fl-istess knisja. Għall-knisja ta' Bormla pitter ukoll ir-ritratt tal-Isqof Gejtanu Pace Forno li narawh fis-sagristija.



*Pittura tal-Isqof Gejano Pace Forno li jinsab fis-sagristija tal-Knisja ta' Bormla.*

Għamel tliet kwadri għall-knisja tal-Lunzjata ta' Ħaż-Żabbar; it-Tilular (Il-Lunzjata) u t-tnejn l-oħra juru lil San Ġużepp u l-ieħor lil Santa Agatha.

Xogħlijiet oħra tiegħu għandna diversi personaġġi Maltin kif ukoll Ingliżi fosthom:

1. lill-imgħallem tiegħu Ant. Falzon li pitter Tommaso Madiona, fil-Palazz ta' San Anton, Ħ'Attard.
2. ritratt ta' kappillan, fis-sagristija tal-parroċċa tal-Imqabba.
3. ritratt ta' Nicolo Dingli li kien fl-isptar Sant'Anna tal-Isla, li jinsab aktarx mitluf.
4. diversi ritratti ta' patrijiet kapuċċini, fil-kunvent tagħhom fil-Kalkara.

Il-Paroċċa ta' Bormla ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Kolleġġjata mill-Papa Piju VII fl-1823 (22) bil-Bolla li ġġib id-data tas-17 ta' Lulju li ħarġet mill-Bażilika ta' Santa Marija Maggiore f'Ruma fi żmien l-Isqof ta' Malta Ferdinando Mattei (1807 - 1829) u fi żmien il-Kappillan ta' Bormla Dun Ġużepp Bezzina.

B'att ta' ħajr u b'tifkira x-xjuħ tagħna kienu għaqlin u fis-sagristija tal-knisja għamlu dawn il-kwadri:

1. tal-Papa Piju VII li waqqaf il-Kolleġġjata fis-sena 1822, li kien impitter minn Ġużeppi Hyzler (1757-1858)
2. tal-Isqof Ferdinando Mattei li ressaq it-talba tal-Kleru u l-Bormliżi biex il-Knisja ta' Bormla saret Kolleġġjata; xogħol il-pittur Giuseppe They.
3. tal-ewwel Arċipriet Dun Ġużepp Bezzina impitter fl-1823, xogħol il-pittur Ġużeppi Hyzler.
4. tal-Isqof Gaetano Pace Forno, xogħol Antonio Zammit li fi żmienu twettqet it-talba tal-Kolleġġjata.
5. ma' dawn żiedu ieħor tal-Kardinal Agostino Rivalora, li rrakkomanda t-talba tal-Bormliżi, kwadru li kien impitter Ruma u li ma nafux isem il-pittur.

Xogħlijiet oħra ta' Antonio Zammit huma:

1. Tommaso Madiona - palazz ta' San Anton, Ħ'Attard.
2. San Alfons, pittura għall-parroċċa tal-Birgu, ieħor għall-knisja ta' Santu Wistin tar-Rabat, Għawdex u ta' Ħal Għargħur li aktarx mitluf.
3. San Rafel għall-knisja tal-Karmnu tal-Belt Valletta.

4. Santa Tereża ta' Avila, Parroċċa ta' San Ġorġ, Rabat, Għawdex.
5. Santa Filumena, Parroċċa tal-Belt Senglea.
6. San Franġisk Saverju, Parroċċa tal-Belt Senglea.
7. It-twelid ta' Ġesù, Parroċċa Żebbuġ, Għawdex.
8. Il-Purifikazzjoni tal-Madonna, iż-Żebbuġ, Għawdex.
9. Diversi ritratti ta' Patrijiet Kapuċċini, fil-Kunvent tal-Kalkara.

**Poġġi qalbek fuq l-istrument u mhux ix-xoffa biss**

W. J. Worley

3 Cities
Take away

Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla
Tel: 21661050